MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1469/2002/1

***A M Mangion Ltd***
***vs***
***CAB Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta’ Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm257.60c) rappresentanti bilanc dovut mis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni ma’ merci mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici fuq istruzzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ konvenuta u a beneficcju taghha.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija kontra s-socjeta’ konvenuta

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Elena Depasquale ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm257.60c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**